

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2460**tat-30 ta' Ottubru 2017**

li jemenda l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-ġhalf u l-ikel, mar-regoli dwar is-saħħa tal-annimali u l-welfare tal-annimali, rigward il-lista tal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-ġhalf u l-ikel, mar-regoli dwar is-saħħa tal-annimali u l-welfare tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 32(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jippreskrivi r-regoli ġenerali għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali għall-verifika tal-konformità, *inter alia*, mar-regoli dwar l-iġjene tal-ikel. Skont dak ir-Regolament, il-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea ("il-laboratorji ta' referenza tal-UE") huma responsabbli, b'mod partikolari, biex jipprovdu d-dettalji tal-metodi analitiċi lil-laboratorji ta' referenza nazzjonali, u biex jikkoordinaw l-applikazzjoni ta' tali metodi. Il-laboratorji ta' referenza tal-UE huma elenkati fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (2) Il-programm ta' ħidma tal-laboratorju ta' referenza tal-UE għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib huwa essenzjalment immirat biex jipprovdi metodi analitiċi u biex jiżgura approċċ komuni għat-testijiet tal-profiċjenza interlaboratorji mwettqa mil-laboratorji ta' referenza nazzjonali fuq l-indikaturi tal-kwalità, bħall-ġhadd taċ-ċelloli somatiċi u l-mikrobi. L-ġharfien espert l-aktar aġġornat dwar kif jitwettqu b'mod xieraq daww l-analiżijiet issa huwa stabbilit sew, kemm mal-laboratorji uffiċjali li jwettqu l-kontrolli uffiċjali kif ukoll mal-laboratorji li qed jintużaw dejjem aktar min-negozji tal-ikel biex janalizzaw daww l-indikaturi, li huma fattur li jiddetermina l-prezz tal-ħalib miġbur fir-razzett.
- (3) Il-laboratorju ta' referenza tal-UE għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ma għadux meħtieġ fi ħdan l-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li jitneħħa mil-lista tal-laboratorji ta' referenza tal-UE stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.
- (4) L-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 għalhekk jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Ġhalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fil-Parti I tal-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, jitħassar il-punt 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 165, 30.4.2004, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNKER
